**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**Jeffrey Cassar**

**Kumpilazzjoni Numru: 517**

**Illum, 13 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jeffrey Cassar detentur tal-karta tal-identita` numru 258584M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer;

a. Talli nhar l-14 ta' Mejju, 2012, ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu (1130hrs) gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar, bil-hsieb li jaghmel hsara lil ***PS494 Gordon Borg, PS935 Patrick Cassar, PC1350 Christian Xuereb, u PC1473 Simon Deguara***, akkuza lil dawn il-persuni, li huma innocenti, ai termini tal-artikolu 101 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

b. talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi iIddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar meta ghamel l-imsemmi rapport u dan ai termini tal-artikolu 110, tal-Kodici Kriminali Kap 9, tal-ligijijet ta Malta

c. talli nhar l-14 ta' Mejju, 2012, ghal habta tan-nofsiegha ta' filghodu (0030hrs) gewwa Lock-Up, Kwartieri Generali tal-Pulizija, bil-hsieb li jaghmel hsara lil ***PS935 Patrick Cassar,*** u ***PC1350 Christian Xuereb***,

akkuza lil dawn il-persuni, li huma innocenti, ai termini tal-artikolu 101 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

d. talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi iIddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar meta ghamel l-imsemmi rapport u dan ai termini tal-artikolu 110, tal-Kodici Kriminali Kap 9, tal-ligijijet ta Malta

e. talli fil-lejl ta bejn it-tlettax (13) ta'' Mejju, 2012 ghal habta ta' bejn il-hdax u nofs (2330hrs) u is-siegha nieqes kwart ta' filghodu (0045hrs) ta' l-erbghtax (14) ta' Mejju, 2012, gewwa Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar, u fit-triq sal-Kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana, ingurja, jew hedded, jew aghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe` ***PS935 Patrick Cassar,*** u ***PC1350 Christian Xuereb*** waqt li kienu jaghmel jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghhom jew li jinfluwxxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz,

f. talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi attakka jew aghmel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza publika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` ***PS935 Patrick Cassar,*** u ***PC1350 Christian Xuereb*** fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti,

g. ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied

h. U nakkuzah talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-10 ta' Mejju, 2012, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr G Grixti LLD nhar il-04 ta' Mejju, 2012, f'dan illi naqqas milli jattendi ghal Qorti meta hekk kien ordnat illi jaghmel kontra il-l'ordni imposta f'dan id-digriet u dan bi ksur ta l'artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta

i. U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

j. U aktar talli kiser ordni ta' probation mahruga mil-Qorti tal-Magistrati Malta, liema ordni ghaddha fis-sehh

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex:

Tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi ***Jeffery Cassar***, u tordna l-arrest mill-gdid ta ' l-imsemmi imputat kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

F'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuna ta' ***PS494 Gordon Borg, PS935 Patrick Cassar, PC1350 Christian Xuereb, u PC1473 Simon Deguara*** jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena appllikabbli ghar-reat, torbot lill-***Jeffery Cassar*** b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xeraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha (7) ta' Lulju elfejn u erbatax (2014) li biha hareg l-Artikoli tal-Ligi li tahthom ghandha tinstab htija u li huma:

a. Fl-Artikoli 17, 18, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 101(1)(a), (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 109(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 96(a), 98 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. Fl-Artikoli 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. Fl-Artikoli 49, 50, 289(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
j. Fl-Artikoli 21(1)(2)(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; u
k. Fl-Artikoli 383, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni tal-imputat datata tnejn (2) ta' Gunju elfejn u erbatax (2014) ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha;

Semghet illi in kwantu ghall-akkuza "H" dedotta kontra l-imputat, huwa diga` kien gie ssentenzjat fuq ksur tal-liberta` provizjorja moghtija mill-Magistrat Giovanni Grixti; u

Semghet ix-xiehda tal-imputat fejn ghal darb'ohra huwa ammetta l-akkuzi kontrih u fejn huwa spjega li dak kollu li ghamel kien sforz li huwa kien xurban.

Illi effettivament l-akkuzi migjuba kontra l-imputat jikkonsistu fuq rezistenza fuq ufficjali tal-pulizija nhar l-erbatax (14) ta' Mejju elfejn u tnax (2012) u fuq denunzja falza ta' reat u tul dawn il-proceduri din il-Qorti setghet tikkonstata il-livell ta' nuqqas ta' maturita` li l-imputat ghandu versu l-hajja in generali u ta' madwaru u ghalhekk thoss li dan jibbenefika li kieku ikun segwit minn professjonist sabiex isib direzzjoni u jibda jiehu l-hajja aktar bis-serjeta` anke in vista tal-fatt li huwa recidiv.

Illi din il-Qorti thoss ukoll illi apparti dan, l-imputat jibbenefika ukoll jekk jinghata ordni konbinata ta' xoghol fil-komunita' sabiex jirrendi ruhhu aktar utili ghas-socjeta`.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 101|(1)(a), 110(2), 109(1)(2), 95, 96(a), 98, 338(dd), 579(2)(3), 49, 50, 289(1)(2), 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Jeffrey Cassar** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief ghall-akkuza "h" u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht Probation Order ghal zmien tliet snin (3) filwaqt li tordna li dan jaghmel servizz ta' xoghol fil-komunita` ghal hamsin (50) siegha.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 109(1)(2) din il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal interdizzjoni generali skont kif ikkontemplat f'dan l-Artikolu u dan ghal zmien ghaxar (10) snin millum.

Finlament, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**